# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, it-Tlieta, 15 ta' Ottubru, 2019**

**Rik. Nru. 161/19/2JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 161/19 fl-ismijiet:

Avv. Etienne A. **CALLEJA** bħala l-mandatarju speċjali tas-assenti Alice Fribertova Mellard u l-minuri Jessica Fribertova

vs

**PEPPERCORN LIMITED** (C – 76356) u Jeffrey Farruġia fil-kwalità tiegħu bħala direttur u azzjonist tas-soċjetà Peppercorn Limited

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-14 ta' Awwissu, 2019, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent *nomine* talab li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżomm lill-intimati milli "jbiegħu, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos*, sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjetà, mobbli jew immobbli, u b'mod partikolari ishma, titoli (*stocks*), kapital azzjonarju,

*bonds*, obbligazzjonijiet, kambjali, noti promissorji, ċekkijiet bankarji, liċenzji u/jew permessi tal-kummerċ senjatament iżda mhux esklussivament l-avvjament, krediti, permessi, kirjiet u kull frott riżultanti mill-attività kummerċjali ta' *Keops Lounge*, Valletta Waterfront, Floriana ġestita mill-istess intimati jew min minnhom" u dan b'ħarsien ta' pretensjoni ta' tmenin elf euro (€ 80,000) rappreżentanti "ammont ta' manteniment dovut lill-minuri Jessica Fribertova kontra l-intimat Jeffrey Farruġia";

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Awwissu, 2019, li bih laqgħet it-talba tar-rikorrent *nomine* b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-Tweġiba, u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tas-27 ta' Awwissu, 2019;

Rat li l-intimati laqgħu n-notifika għall-finijiet u effetti tal-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bil-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fis-26 ta' Settembru, 2019;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Jeffrey Farruġia *proprio* u *nomine* waqt is-smigħ tal-10 ta' Ottubru, 2019, li biha laqa' għat-talba tar-rikorrent *nomine* billi qalu li l-Qorti jmissha tiċħadha għaliex manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt. B'mod preliminari, laqa' billi qal li l-kumpannija intimata mhix il-leġittima kontradittriċi ta' talba bħal din minħabba li l-pretensjonijiet li dwarhom qiegħed jintalab il-ħruġ tal-Mandat jirrigwardaw manteniment ta' minuri li l-istess kumpannija ma tista' bl-ebda mod qatt tintalab li tagħmel tajjeb għalihom. Qal ukoll li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat hija wkoll irrita u nulla għaliex ma jħarisx ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi billi dan jirreferi għal ħwejjeġ immobbli. Fil-mertu, laqa' billi qal li ma jeżistux l-elementi biex il-Mandat jintlaqa';

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ottubru, 2019, li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li r-rikorrent *nomine* qiegħed jitlob li l-intimati, jew min minnhom, jitwaqqfu milli b'xi mod jittrasferixxu, ineħħu jew jgħabbu xi ishma jew interessi oħrajn li l-intimati jista' jkollhom fil-kumpannija intimata jew fin-negozju li jġib l-isem ta' *Keops Lounge* li jinsab fil-Valletta Waterfront;

Tqis li r-rikorrent *nomine* jsejjes il-pretensjonijiet tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat għall-manteniment ta' minuri fuq is-saħħa ta' sentenza *in parte* mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-26 ta' Ottubru, 2017[1], li biha sabet li l-intimat Farruġia kien il-missier naturali tal-minuri. Fl-azzjoni mibdija, l-attur *nomine* talab il-likwidazzjoni tal-manteniment dovut lill-minuri u l-kundanna tal-intimat Farruġia għall-ħlas tal-istess. Dwar dawk it-talbiet, il-kawża għadha qiegħda tinstema';

Tqis li l-Mandat li r-rikorrent qiegħed jitlob il-ħruġ tiegħu llum huwa wieħed "speċifiku" maħsub taħt l-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u l-istess rikorrent *nomine*, waqt is-sottomissjonijiet tiegħu, iddikjara li l-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub huwa maħsub li jikkawtela kemm il-pretensjonijiet ta' manteniment li għadhom pendenti fil-kawża msemmija, u kif ukoll pretensjonijiet oħrajn talvolta spettanti lilu dwar il-minuri;

Tqis li l-intimati jqajmu żewġ kwestjonijiet "preliminari" kontra l-ħruġ tal-Mandat. Issa l-Qorti normalment ma tidħolx fi kwestjonijiet marbuta ma' eċċezzjonijiet "preliminari" f'atti kawtelatorji li l-għan tagħhom huwa dak li jqisu l-għoti ta' rimedju limitat fiż-żmien u fl-għamla. Eċċezzjonijiet "preliminari" ma jsibux posthom fi proċedura bħalma hija dik fejn jintalab il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ma għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonijiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[2]. Biex "eċċezzjoni" bħal dik tista' titqies, trid tkun waħda li torbot ma' xi nuqqas ewlieni marbut mas-siwi tal-att ġudizzjarju nnifsu jew ħwejjeġ marbuta ma' dan u li l-liġi tikkontemplahom meta tqis is-siwi ta' atti ġudizzjarji[3];

Tqis li ladarba ż-żewġ eċċezzjonijiet jintrabtu ma-siwi nnifsu tal-Mandat, il-Qorti sejra tqishom;

Tqis li l-ewwel eċċezzjoni tgħid li l-kumpannija intimata qatt ma jista' jinħareġ kontriha l-Mandat mitlub għaliex hija ma tista' qatt tintalab tħallas manteniment lil minuri;

Tqis li safejn il-pretensjonijiet dikjarati mill-istess rikorrent *nomine* jissejsu tassew fuq il-likwidazzjoni u l-ħlas ta' manteniment, din l-eċċezzjoni hija tajba. Għalkemm ir-rikorrent argumenta li bejn l-intimat u l-kumpannija tiegħu ma hemmx x'tagħraf u huma "ħaġa waħda", il-fatt jibqa' li l-kumpannija

[1] Rik. 71/14RGM fl-ismijiet ***L-Avukat Etienne A. Calleja noe vs Jeffrey Farruġia et***
[2] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)
[3] Art. 789 tal-Kap 12

intimata u l-intimat huma żewġ persuni legali b'personalità distinta u l-kumpannija ma tista' qatt tkun kundannat tħallas menteniment għal ulied l-intimat l-ieħor;

Tqis għalhekk li, f'dan ir-rigward, l-eċċezzjoni hija tajba u l-Mandat ma jistax jinħareġ kontra l-kumpannija intimata fil-parametri li fih saret it-talba tallum;

Tqis, madankollu, li dan ma jfissirx li l-Mandat ma jistax jinħareġ biex iżomm lill-intimat milli b'xi mod jittrasferixxi ishma fl-imsemmija kumpannija, imma din hija kwestjoni oħra;

Tqis li, dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari mqajma mill-intimati dwar is-siwi tal-Mandat, ma huwiex minnu li Mandat taħt l-artikolu 874 jiswa biss meta jkun mitlub biex iżomm it-trasferiment ta' ħwejjeġ immobbli. Huwa ċar li dak l-artikolu jitkellem dwar kull xorta ta' ġid li tiegħu tista' tintalab iż-żamma ta' trasferiment, u l-ġid immobbli huwa biss waħda mill-għamliet ta' ġid li jirregola dak l-artikolu;

Tqis għalhekk li ma hemm l-ebda nullità jew irritwalità fit-talba tal-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, kif għadu kemm ingħad, din il-proċedura tal-lum tressqet skond l-artikolu 874 tal-Kap 12 u trid titqies fil-qafas tal-ħtieġa li Mandat ta' Inibizzjoni, jekk jintlaqa', jkun jista' jintrabat ma' ġid li bla xkiel ikun identifikat u magħruf, ladarba l-għan ta' Mandat bħal dak mhuwiex li jittrasferixxi l-ġid milqut imma biss li jidentifikah u jagħrfu minn ġid ieħor;

Tqis li għal dak li jirrigwarda s-sottomissjonijiet tal-intimati dwar jekk ir-rikorrent għandux il-jedd mad-daqqa t'għajn li jitlob il-ħruġ tal-Mandat, il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm huwa minnu li dan l-element huwa meħtieġ bħal fil-każ ta' kull Mandat ta' Inibizzjoni ieħor, madankollu, ma jistax jingħad li l-kriterji huma l-istess. Dan jingħad għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrenti biex jinħareġ il-Mandat minnha mitlub;

Tqis ukoll li l-artikolu 874(1) jgħid ċar li Mandat bħal dak jista' jinħareġ fuq is-saħħa ta' "dejn, jew kull pretensjoni oħra" sakemm tkun pretensjoni li taqbeż l-ammont li dwaru Mandat bħal dak jista' jinħareġ. Il-liġi ma tgħidx u ma tiddistingwix x'għamla ta' pretensjoni tista' tkun, sakemm hija

pretensjoni li tissarraf f'valur ogħla mil-limitu msemmi f'dak l-artikolu. B'mod partikolari, għalhekk, jekk kreditur ikollu pretensjoni mnissla minn obbligu naturali minħabba r-rabta familjari, Mandat bħal dan jista' jinħareġ ukoll, minkejja li, taħt is-sistema ta' Mandati ta' Inibizzjoni in ġenerali, pretensjoni li tista' tissarraf f'kumpens għad-danni mġarrba, jonqos fiha l-element tal-"ħtieġa" tal-ħruġ tal-Mandat[4];

Tqis ukoll li l-Mandat li r-rikorrent qiegħed jitlob il-ħruġ tiegħu huwa wieħed li jimmira li jikkonserva ġid – mobbli jew immobbli – milli jkun trasferit jew li b'xi mod jitgħabba b'xi piż jew dejn ġdid b'mod tali li 'l quddiem ma jkunx jista' jissoddisfa l-pretensjonijiet tar-rikorrent "kreditur" u mhuwiex maħsub milli jżomm lis-sid mit-tgawdija tiegħu jew li jżommu milli jużah;

Tqis li, minbarra dan, bħala kejl ta' dan il-jedd *prima facie,* il-liġi timxi fuq il-pretensjoni, u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa: dak hu biss xogħol il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża fil-mertu. B'mod partikolari, il-Qorti ma tistax tqis li jiswa l-argument imressaq mill-intimati dwar id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 833B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba l-pretensjonijiet tar-rikorrent *nomine* jissejsu fuq pretensjonijiet dedotti diġà f'kawża li għadha għaddejja;

Tqis għalhekk li, safejn it-talba għall-ħruġ tal-Mandat hija diretta kontra l-intimat Jeffrey Farruġia, intwera li jeżistu l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-eċċezzjoni preliminari** tal-intimati u ssib li l-kumpannija intimata ma hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet tar-rikorrent *nomine*, u għalhekk qiegħda tħassar *contrario imperio* d-degriet tagħha tal-14 ta' Awwissu, 2019, safejn dan jirreferi għall-intimata Peppercorn Limited;

**Tilqa' t-talba** għall-ħruġ tal-Mandat fil-konfront tal-intimat Jeffrey Farruġia biss;

**Tordna** li, għall-finijiet tal-artikolu 874(6) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikorrent *nomine* jwettaq in-notifiki meħtieġa; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi, l-**ispejjeż** marbuta ma' din il-proċedura jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

[4] Ara P.A. NC **11.3.2003** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali Kuntratti et***

Mogħti kameralment, illum it-Tlieta 15 ta' Ottubru, 2019.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**